

# Ġużeppi Vella u Pawlu Abela:

## L-ewwel emigranti Melleħin fl-Awstralja?

jikteb Evarist Bartolo

B'xi mod jew ieħor kull familja Melleħija għandha lil xi ħadd jiġi minnha li hu msiefer f'xi naħa jew oħra tad-dinja. L-istorja tal-emigranti Melleħin hija parti mill-istorja tar-raħal tagħna u jmissna nibdew naħsbu bis-serjeta kif se nifthu mużew tal-emigranti fil-Mellieħa li jirrakkonta l-istorja tal-Melleħin li marru jaħdmu u jgħixu f'pajjiżi oħra u li tant bagħtu lura flus lill-familji tagħhom fir-raħal tagħna biex dawn ikunu jistgħu jgħixu ta' nies. Iktar ma jgħaddi żmien u iktar ma ddum ma tibda inizjattiva bħal din, iżjed se jkun diffiċli nsibu l-istejjer, it-tifkiriet u t-tagħrif dwar il-ħajja tal-emigranti tagħna mferxin mal-bqija tad-dinja tul iż-żminijiet.

Illum ħafna minn dawk il-Melleħin li emigraw biex isibu ħajja aħjar f'pajjiż ieħor mietu jew huma anzjani u l-familja li rabbew għandha l-għeruq tagħha fil-pajjiż fejn marru jgħixu u jaħdmu l-ġenituri tagħhom. F'dawn l-aħħar 50 sena kienet l-Awstralja l-iżjed art li laqgħet ġo fiha emigranti mill-Mellieħa.

Iżda l-Awstraljani tal-post mhux dejjem riedu lill-Melleħin imorru jfittxu ħajja aħjar fosthom. Aktarx li l-ewwel Melleħin li emigraw lejn l-Awstralja kienu Ġużeppi Vella u Pawlu Abela. Nafu li kienu ħbieb u għamlu kuraġġ lil xulxin biex f'Diċembru 1913 telqu mir-raħal u marru l-Awstralja. Nafu li Ġużeppi twieled fl-1891. Nafu wkoll li Ġuzeppi u Pawlu bdew il-vjaġġ tagħhom billi telqu minn Malta għall-port ta' Napli, fl-Italja. Hemmhekk telgħu fuq il-vapur 'Otway' li wassalhom l-Awstralja.

Ġużeppi u Pawlu rnexxielhom isibu jaħdmu ġimgħa wara li waslu. Iżda meta tilfu l-impjieg spiċċaw bla flus u għexu fil-faqar u ġarrbu l-ġuħ. Kienu jgħixu fil-'bush' qrib il-Port ta' Adeliade. Kuljum kienu jimxu mill-port sal-belt, ifittxu x-xogħol. F'dan iż-żmien diffiċli Ġużeppi u Pawlu baqgħu ħajjin billi kienu jieklu li jsibu: ħaxix, għeruq tas-sigar u xi fdalijiet tal-ikel li jarmi ħaddieħor.

Darba ġew arrestati mill-pulizija għax ħasbuhom immigranti llegali Ġermaniżi. Dak iż-żmien kien hemm mibegħda kbira kontra l-Ġermaniżi minħabba l-ewwel gwerra dinjija. Meta sar magħruf li kienu Maltin u nħelsu mill-arrest, il-pulziija għenuhom isibu xogħol fuq vapur żgħir tal-merkanżija. Nafu li Ġużeppi mbagħad mar Broken Hill fuq il-fruntiera bejn l-Awstralja ta' Isfel u New South Wales u ħadem fil-minjieri mal-kuġin ta' Pawlu. Ġużeppi mbagħad mar Sydney u sab xogħol jaħdem fuq il-linji tal-ferroviji. Aktar tard mar joqgħod f'Mackay fi Queensland.

Kważi mitt sena qabel Ġużeppi Vella u Pawlu Abela marru l-Awstralja fl-1913, wasal fl-Awstralja l-ewwel Malti: il-ħabsi Feliċ Pace. Huwa wasal f'Sydney fl-1810 flimkien ma' grupp ta' ħabsin mill-Ingilterra u l-Irlanda fi żmien meta l-Ingliżi kienu jqisu lill-Awstralja bħala l-pajjiż li fih jeżiljaw lill-ħabsin. L-ewwel Malti li wasal biex jgħix fl-Awstralja u ma kienx ħabsi kien Antonio Azzopardi, fis-sena 1837.

Sentejn qabel ma' Ġużeppi u Pawlu waslu l-Awstralja sar iċ-ċensiment tal-popolazzjoni. Dan iċ-ċensiment tas-sena 1911 juri li kien hemm 248 Maltin jgħixu fl-Awstralja. Sena qabel ma waslu Ġużeppi u Pawlu fl-Awstralja, il-gvern Awstralja iddeċieda li emigranti Maltin ma jkunux jistgħu jgawdu iżjed mill-iskema li kien hemm ta' għajnuna fi flus għall-passaġġ bejn Malta u l-Awstralja.

Il-gvern Awstraljan ħassu li kellu jagħmel hekk għax il-unions kienu qed jakkużaw lill-immigranti li qed iwaqqgħu l-pagi tal-ħaddiema Awstraljani u jieħdulhom xogħolhom.

Niftakarni nħares lejn żewġ kjuwijiet. Fuq naħa kju ta' irġiel somor jippruvaw jidħlu ġo fabbrika fl-Awstralja. Fuq in-naħa l-oħra folla kbira ta' ħaddiema bojod qed jiġu ssensjati minn fabbrika. Xi ħadd qed iġorr kartellun li fuqu hemm miktub il-kliem: "Il-barranin qed jieħdulna xogħolna. Ejja nzommuhom ,'il barra."

Din ix-xena rajtha erba' snin ilu jien u nżur il-Mużew tal-Emigrazzjoni f'Melbourne u qagħadt nifli poster safrani mitfi muri hemm. Il-poster ħargitu l-Australian Workers' Union 94 sena ilu u minnu

twaħħlu ħafna mal-ħitan fil-kampanja qawwija li organizzat biex ma tħallix barranin somor jinvadu l-Awstralja u jieħdu l-impjiegi tal-membri bojod tagħha.

Wara li faqqgħet l-ewwel gwerra dinjija, il-mibegħda kontra l-pajjiżi għedewwa żdiedet ħafna fl-Awstralja u emigranti ġejjin minn dawk il-pajjiżi kienu jiġu persegwitati u jsofru ħafna diskriminazzjoni kontra tagħhom. Il-Moviment kontra li jibgħatu Awstraljani bilfors għall-gwerra kienu qed jakkużaw lill-Partit Nazzjonalista Awstraljan fil-gvern li ried jimla' lill-Awstralja b'ħafna emigranti barranin lesti jaċċettaw pagi baxxi u allura jwaqqgħu dawk tal-ħaddiema Awstraljani. F'din il-klima żdiedet ukoll il-mibegħda kontra l-emigranti Maltin u Griegi.

Kien għalhekk li l-gvern Awstraljan ċeda għal din il-pressjoni kontra l-emigranti Maltin u fl-1912 ma baqax jagħti iżjed għajnuna fi flus lil dawk il-Maltin li riedu jemigraw lejn l-Awstralja u ma kellhomx biżżejjed għall-passaġġ. Fl-istess sena l-gvern Awstraljan għadda liġi biex trażżan id-dħul ta' emigranti fl-Awstralja skond il-politika tiegħu favur Awstralja Bajda.

Kien propju f'dan iż-żmien li waslu l-Awstralja l-Melleħin Ġużeppi Vella u Pawlu Abela. Diversi storiċi tal-emigrazzjoni Maltija juru kif dawn iż-żminijiet, l-iżjed wara l-1920, kienu l-agħar żminijiet għall-Maltin li emigraw lejn in-naħa t'isfel tal-Awstralja.

Xorta bejn l-1911 u l-1919 emigraw iżjed minn 2000 minn Malta lejn l-Awstralja. Kien hemm diskriminazzjoni selvaġġa kontra tagħhom. Il-gvern Awstraljan ma ħalliehomx isibu impjieg fuq il-linji tal-ferroviji. Iżda xorta daħħalhom bħala suldati u bagħathom jiġġieldu u jmutu fl-ewwel gwerra dinjija.

Ħafna mill-Maltin fl-Awstralja dak iż-żmien batew il-ġuħ u għexu ħajja ddisprata minkejja li ħafna minnhom kienu nies tas-sengħa. Il-Prim Ministru tal-Awstralja ta' Isfel, Gunn, kien iqis lill-Maltin bħala "immigranti mhux mistiedna' u ma riedx jgħinhom isibu impjieg.

Il-Maltin kellhom jgħixu f'tined u kampijiet ħdejn ix-xmara Torrens u jbiegħu l-frott u l-ħaxix. Kien jgħinhom il-klabb Malti ta' Adelaide. Kellhom għaqda tagħhom tissejjaħ 'Adelaide Unemployed Maltese Organization' u ħadmu kemm felħu biex il-gvern tal-istat u dak nazzjonali ineħħu d-diskriminazzjoni kontra l-Maltin. Iżda kollu għalxejn. Ħafna mill-Maltin jew kellhom jiġu lura Malta jew kellhom imorru f'xi stat ieħor fl-Awstralja u jaħdmu l-għelieqi ta' Maltin Awstraljani. Il-liġi kontra l-Maltin tneħħiet biss fl-1948 wara t-tieni gwerra dinjija.

L-istudjuż Dr Barry York jgħid li l-iżjed nies li ġew esklużi mill-Awstralja wara ċ-Ċinizi kienu l-Maltin. Kienu jagħmlulhom test biex iżommuhom 'il barra. Dr York jgħid: "Dan it-test ma kienx edukattiv jew biex jaraw jafux jiktbu jew jaqraw. Ma kien test xejn iżda logħba kattiva biex il-gvern u l-uffiċjali tad-dwana jżommu 'l barra lil dawk l-emigranti li ma xtaqux ma' saqajhom fl-Awstralja. Tant kien test diżonest u bla sens li kienu jgiegħelu emigranti Ġappuniżi jagħmlu eżami bil-Grieg, mara ddivorzjata Ingliża rieduha turi kemm taf bit-Taljan, 208 Maltin ma għaddewx mill-eżami ta' kemm jafu bl-Olandiz … »

Wara l-1920 xi Maltin tħallew imorru l-Awstralja biex jaħdmu fil-minjieri għax kienu meqjusa tajbin "għal xogħol maħmuġ u umli u kienu meqjusa inqas ħżiena mill-Afrikani u l-Asjatiċi."

Fl-istess żminijiet il-Maltin kienu wkoll jitqiesu bħala barranin mhux mixtieqa fil-Kanada minkejja li Malta kienet gżira fl-Imperu Ingliż u kienet ingħatat forma ta' tmexxija ta' gvern mill-Maltin fis-sena 1921 u l-Maltin kellhom passaport Ingliż.

Fl-1923 il-gvern Kanadiż ħareġ ordni li fiha xandar il-lista ta' sudditi Ingliżi li ma kinux jitħallew jidħlu l-Kanada. Skond din l-ordni l-Maltin ma kinux jistgħu jidħlu l-Kanada waqt li fetħet il-bieb għal sudditi Ingliżi gejjin mir-Renju Unit, l-Irlanda, Newfoundland, New Zealand, l-Awstralja u l-Afrika t'Isfel. Nies oħra ġew ippreferuti mill-Kanadiżi: nies minn Franza, il-Belgju, l-Isvizzera, l-Olanda, il-Fillandja u l-Iskandinavja. Dawk li tqiesu bnedmin inferjuri u mhux ippreferuti kienu ġejjin mill-Ewropa t'isfel u magħhom kien hemm il-Maltin.

Dawn il-bnedmin inferjuri setgħu jidħlu biss il-Kanada meta għalihom kien hemm impjiegi li ma riedux jieħdu l-bnedmin superjuri u ppreferuti. Il-mhux ippreferuti kienu jitħallew jidħlu biss jekk kienu lesti jaħdmu fl-għelieqi u kellhom wegħda li se jħaddmuhom meta jaslu l-Kanada.

www.imperialbandclub.com